DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR210819** **03.05.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker Anġlu Farrugia, b'referenza għall-artiklu intitolat "Speaker's abstention has brought 'law of the jungle'", li deher f'paġna 7 tat-*Times of Malta* tal-lum, it-3 ta' Mejju 2021, qiegħed jippubblika fl-intier tagħha l-motivazzjoni tal-vot tiegħu waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika tat-28 ta' Marzu 2021.

Fl-argumentazzjoni tagħha, is-Sedja rrilevat li filwaqt li qablet ma' parti mill-pożizzjoni li ħa l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, hija ma setgħetx tivvota favur ir-rapport peress li ma kinitx qed taqbel mar-rapport fit-totalità tiegħu u dan peress li l-liġi li tirregola lil dan il-Kumitat ma tagħtix għażla lis-Sedja li tivvota favur *in parti* jew kontra *in parti*.

Fl-istess motivazzjoni, l-Ispeaker tal-Kamra qal ukoll li jikkondividi dak li esprima wkoll l-istess Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, li għandu jkun hemm linji gwida applikabbli f'każijiet simili għal dak trattat fir-rapport in kwistjoni.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

**Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker dwar il-Każ K/028 fil-Laqgħa 20 tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika tat-28 ta' April 2021**

Ladarba l-voti huma ndaqs, skont l-artikolu 26(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta, jien għandu jkolli l-vot deċiżiv, għalkemm m'għandix il-vot oriġinali. Fiċ-ċirkostanzi, qabel ma s-Sedja tagħti l-vot tagħha tixtieq tagħmel din id-dikjarazzjoni. Dan qed tagħmlu wara li semgħet il-partijiet u anke pparteċipat sew fid-diskussjoni dwar il-każ K/028, wara li rat it-traskrizzjoni tal-Laqgħat Nri 18 u 19 tal-14 u l-21 ta' April 2021 fejn saru domandi dwar dan ir-rapport lill-istess Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u wara saret diskussjoni, wara li rat ukoll il-Kap. 570, in partikolari fejn jitkellem dwar l-applikazzjoni u s-setgħat tal-Kumitat taħt l-artikolu 27, u kif ukoll wara li rat il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li huwa parti mill-istess Kap. 570, fejn għandek l-infurzar ta' dan il-Kodiċi, in partikolari l-artikolu 3 tal-istess Kodiċi ta' Etika applikabbli għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari fit-Tieni Skeda.

Is-Sedja ħadet nota ta' dak li ġie diskuss matul dawn iż-żewġ seduti dwar dan ir-rapport u wkoll ta' dak li ġie diskuss illum qabel ma eventwalment ittieħed il-vot, fejn ħareġ ċar, anke mill-ammissjoni tal-istess Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, illi d-deċiżjoni tiegħu hija waħda soġġettiva. Fil-fatt, nagħmel referenza testwalment għal meta qal li kollox huwa suġġettiv u li l-opinjoni tiegħu wieħed jista' jaqbel magħha u jista' ma jaqbilx.

Is-Sedja ħasset il-ħtieġa li tidħol ukoll fit-talbiet li għamlet l-NGO Repubblika fl-ittra li ntbagħtet minn Dr Robert Aquilina bħala l-President tar-Repubblika datata 19 ta' Ottubru 2020, fejn l-enfasi kienet ċara illi, u nikkwota:

> "*But Minister's Abela's photo is neither proportionate nor in any way contextually relevant. It is nothing short of personal electoral campaigning at the taxpayer's expense*".

Issir referenza wkoll għal dak li ġie konkluż mill-istess Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika f'rapporti preċedenti, primarjament ir-rapporti K/008 u K/010, li ssir referenza għalihom fl-ittra ta' Dr Aquilina għan-nom tar-Repubblika li jgħid illi:

> "*We also consider that Minister Abela's actions are not in line with the spirit of the conclusions of your reports K/008 and K/010*.".

Is-Sedja rat ukoll it-talbiet fl-istess ittra li kienu ċari u nikkwota:

> "*It is our view that:*
> *1. Minister Carmelo Abela should be found in breach of the Code of Ethics and of public expenditure rules and is personally (or through his personal campaign) ordered to reimburse 50% of the advertising spent on this campaign to cover the expense on column inches dedicated purely to his photograph.*

*2. The Commissioner should make recommendations to the government to adopt a centralised control process to restrict advertising by ministers to matters that are strictly within their public function and on objective criteria such as the ones we suggest above. These criteria should explicitly exclude the promotion of the minister on a personal basis through disproportionate imagery, glamour photography, hollow campaign slogans and other features that are typical of election campaign material*.”.

Dawn kienu ż-żewġ talbiet ta’ Repubblika.

Is-Sedja rat ukoll l-*advert* li deher fil-gazzetti msemmija, fosthom *The Times of Malta* u oħrajn, u tinnota l-fatt illi filwaqt li huwa veru li hemm 50% tal-faċċata huwa meħud kollu minn ritratt tal-Ministru Carmelo Abela mal-bandieri tal-Ewropa u ta’ Malta u li fuq ir-ritratt hemm il-kliem “TOWARDS A BETTER QUALITY OF LIFE” li jista’ jitqies li b’xi mod jiġġustifika l-għemil tal-ilment f’dak li għandu x’jaqsam ir-ritratt, tinnota wkoll li mbagħad f’dak li huwa kitba fil-bqija tal-faċċata din kollha hija relatat ma’ diversi suġġetti li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministru Carmelo Abela, li huwa l-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Ovvjament il-Ministru Abela għandu diversi responsabbiltajiet, fosthom li huwa l-Ministru inkarigat mill-iżvilupp sostenibbli, mill-implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali, djalogu soċjali, jiġifieri dan kollu jaqa’ fir-responsabbiltà tiegħu bħala Ministru tal-Kabinett.

Is-Sedja tinnota li f’dan l-*advert* li deher, hemm informazzjoni dwar setturi li, fl-opinjoni tal-istess Sedja, taqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru. Fil-fatt, f’dan l-*advert* il-Ministru kien

qed jinforma lill-pubbliku li madwar 25,000 impjieg ġew salvati waqt il-pandemija (Covid-19) – ċertament meta deher l-*advert* fit-18 ta' Ottubru konna fl-eqqel tal-pandemija – bl-intervent tad-Department of Industrial and Employment Relations (DIER) li jaqa' taħt il-Ministru Carmelo Abela. Barra minn hekk, peress li huwa l-Ministru responsabbli mill-Manifest Elettorali, portafoll li daħal f'dawn l-aħħar żewġ leġiżlaturi taħt Gvernijiet Laburista, il-Ministru kien qed jinforma lill-pubbliku li f'dawn l-aħħar tliet snin 80% tal-Manifest Elettorali ġie implementat. Hemm ukoll referenza għall-Malta Council for Economic and Social Development (MCESD), li wkoll jaqa' taħt il-Ministeru tiegħu, fejn qed jingħad li permezz tal-MCESD kien hemm djalogu mal-ħaddiema u ma' rappreżentanti ta' min iħaddem. Hemm imbagħad referenza dwar *higher quality and more accessible National Broadcasting*, li wkoll taqa' taħt il-Ministru Carmelo Abela; hemm informazzjoni dwar il-fondi Ewropew u l-assistenza tal-MEUSAC li wkoll jagħu taħt il-Ministru Carmelo Abela; u wkoll dwar il-koordinazzjoni ħolistika għal *sustainable development* ibbażat fuq proġetti tal-futur li wkoll jaqgħu taħt il-Ministru Carmelo Abela.

Is-Sedja, ħadet nota wkoll ta' dak li ddeċieda l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fir-rapport tiegħu, fejn jgħid illi huwa jidhirlu li ksur tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jinstab f'erba' *areas* partikolari kif ġej:

> "*4.9 Ministers shall keep their roles as Ministers and as Representatives separate, as well as their role as a member of a political party.*
>
> *4.10 Ministers shall respect the principle of political impartiality of the public service.*

*5.3 Diligence – once Ministers administer public property, on behalf of the public in general, they shall exercise the highest level of diligence including in the expenditure of public funds, and they shall also work diligently and hard in the performance of their duties.*

*7.4 Ministers shall respect the impartiality of the public service and shall ensure that their influence on the public service is not abused*.".

Is-Sedja semgħet ukoll lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jesprimi ruħu fuq dawn il-punti, in partikolari t-tweġibiet tiegħu għad-domandi illi s-Sedja ħasset li kellha tagħmel lill-istess Kummissarju, fejn irreferietu għad-dekasteru u r-responsabbiltajiet tal-Ministru Abela.

Dan ukoll b'referenza għal dak li l-Kummissarju jgħid fir-rapport.

"*The Minister points out that the advertisement does not include any political logos or other political content*.".

Dwar dan l-aħħar punt is-Sedja tħoss li ma nkisret l-ebda waħda minn dawn ir-regolamenti tal-Kodiċi ta' Etika u dan kif indikat mill-istess Kummissarju tant li huwa stess jgħid, u nikkwota mil-Laqgħa 19:

"Naqbel mija fil-mija li m'hemm xejn f'dawk l-i*slogans* li b'xi mod huma ta' natura personali jew mal-Ministeru tiegħu. Naqbel li kienu konnessi max-xogħol tal-Ministeru.".

Is-Sedja rat ukoll l-osservazzjoni li għamel il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-Laqgħa tal-14 ta' April 2021 meta kienet qed iwieġeb domandi tal-Onor. Therese Comodini Cachia, in partikolari għal dak li ssemma fl-ilment li ntbagħat minn Dr Aquilina f'isem ir-Repubblika, b'referenza għar-rapporti K/008 u K/010, fejn il-Kummissarju jagħmilha ċara li f'dawn il-każijiet huwa jinsab u jaċċerta lill-Kumitat illi:

> "… bħala fatt naħseb li rigward is-*social media* l-Ministri qed isegwu l-linji gwida li jien stess kont ippubblikajt u li kont stqarrejt li sakemm ikun hemm xi linji gwida oħra se napplika dawk bħala ispirazzjoni jew bħala punt ta' referenza.",

Is-Sedja, tagħmel referenza wkoll għal dak li staqsiet lill-istess Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, dwar jekk kienx jibda investigazzjoni li kieku ma kienx ikun hemm ir-ritratt u dan peress li jidher li ċar illi r-rapport sar l-aktar għax kien hemm ir-ritratt b'mod predominanti fl-*advert* li ħareġ il-Ministru Carmelo Abela. Għal dan il-Kummissarju qal li ovvjament ladarba kien hemm ir-ritratt huwa kellu jiddeċiedi fuq l-*advert* b'mod ħolistiku.

Is-Sedja ħadet nota wkoll illi mal-Ministru Carmelo Abela kien hemm biss korrispondenza u allura l-Kummissarju u l-Ministru ma tkellmux b'mod dirett fejn wieħed seta' jipprova jifhem eżattament u jiġi spjegat dak li fil-fatt ġie indikat fl-*advert* ġa ċitat hawn fuq. Hawnhekk is-Sedja rat x'jiġri fir-Renju Unit f'każijiet li jkun qiegħed jinvestiga l-

Kummissarju għall-Istandards Ingliż, fejn b'referenza għall-paġna 87 tal-*Erskine May (24th Edition)* jingħad illi:

> "*In cases where the Commissioner decides to undertake an investigation he would usually interview the Member concerned and may interview others and collect additional evidence as required*.".

Is-Sedja ħadet nota wkoll li ta' dak li qal il-Kummissarju fil-paragrafu 46 u nikkwota:

> "*In this particular case the cost of the advertising campaign (consisting of funds disbursed, and not including cost of ministry staff time) amounted to €7,012.98*.",

Tinnota wkoll li fl-istess paragrafu il-Kummissarju qal li:

> "*It is for the committee to consider what remedy is appropriate under article 28 of the Act*."

Is-Sedja tħoss illi fiċ-ċirkostanzi hija tikkondividi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u dan kif effettivament għamel referenza għalih ukoll il-Ministru Edward Zammit Lewis, illi għandu jkun hemm *guidelines* anke dwar kif jiġu magħmula l-*adverts*. Dan sabiex jiġu stabbiliti kriterji ċari li wieħed għandu jimxi fuqhom biex ikun aktar konfortat illi b'dak li qed jagħmel ma jkunx b'xi mod qed jikser xi regolament tal-istess Kodiċi ta' Etika.

Wara li qieset dan kollu u ladarba l-Kumitat ma jistax jaqbel in parti mar-rapport tal-Kummissarju, is-Sedja jkollha tastjeni. Dan li qed tgħid is-Sedja li l-Kumitat ma jistax jadotta parti mir-rapport joħroġ ċar ukoll mis-subartikolu 27(4) tal-Kap 570 li jgħid hekk:

> "(4) Il-Kumitat, meta jqis li ma jkunx jista' jadotta xi rapport tal-Kummissarju, jista' jew jiddeċiedi li jiċħad ir-rapport imsemmi jew jiddeċiedi li l-allegazzjoni tkun teħtieġ li tiġi investigata iżjed, f'liema każ il-Kumitat jista', bl-għajnuna tal-Kummissarju, iwettaq dawk l-investigazzjonijiet addizzjonali u jisma' iżjed provi dwar il-kwistjoni tal-allegazzjoni. Għal dan il-għan il-Kumitat għandu jkollu s-setgħat mogħtija lill-Kummissarju taħt l-artikolu 19."

Għalhekk, is-Sedja qiegħda tastjeni milli tieħu pożizzjoni fiċ-ċirkostanzi kif żviluppaw, però tirrakkomanda u tikkondividi dak li jaqbel miegħu ukoll il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, kif suġġerit fil-Laqgħa Nru 19 tal-21 ta' April 2021, li għandu jkun hemm linji gwida applikabbli għall-*adverts* li jsiru minn żmien għal żmien minn xi Membri tal-Eżekuttiv.